Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Diċembru 2020**
**(OR. en)**

**13512/20**

**SOC 772**
**EMPL 542**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | ST 12945/20 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u x-Xogħol Deċenti fil-Ktajjen tal-Provvista Globali |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u x-Xogħol Deċenti fil-Ktajjen tal-Provvista Globali.

**ANNESS**

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u x-Xogħol Deċenti fil-Ktajjen tal-Provvista Globali**

FILWAQT LI JFAKKAR LI

1. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, it-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli, il-protezzjoni tal-ambjent, il-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali u r-rispett tad-dritt internazzjonali huma l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea minquxa fit-Trattati dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. Dawn il-valuri jiggwidaw l-impenn tal-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni ta' xogħol deċenti għal kulħadd.

3. L-Istati Membri huma impenjati li jippromwovu x-xogħol deċenti għal kulħadd kif stabbilit fl-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli. Il-ktajjen tal-provvista globali sostenibbli huma kruċjali biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU kif enfasizzat ukoll fil-Kunsens Ewropew Ġdid dwar l-Iżvilupp[1].

4. L-Aġenda 2030 tan-NU, id-Dikjarazzjoni tal-ILO tal-2008 dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta u d-Dikjarazzjoni taċ-Ċentenarju tal-ILO tal-2019 għall-Futur tax-Xogħol iddikjaraw ix-xogħol deċenti għal kulħadd bħala objettiv ewlieni.

5. Id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali tipprovdi gwida lill-intrapriżi dwar il-politika soċjali u prattiki inklużivi, responsabbli u sostenibbli fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali jipprovdu prinċipji u standards għal imġiba responsabbli fin-negozju[2].

---

1 Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp: Our World, our Dignity, our Future (Kunsens Ewropew Ġdid dwar l-Iżvilupp: Id-Dinja Tagħna, id-Dinjità Tagħna, il-Futur Tagħna). Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, 2017.

2 Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol: Tripartite Declaration of Principles concerning Multinational Enterprises and Social Policy (Dikjarazzjoni Tripartitika dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali); Il-ħames edizzjoni - Marzu 2017.

6. Ir-rispett, il-promozzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol kif inklużi fid-Dikjarazzjoni tal-ILO tal-1998 dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol huma parti essenzjali tal-aġenda tax-xogħol deċenti.

7. Fl-2016, il-Kunsill tal-Ewropa adotta r-rakkomandazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u n-Negozju li tipprovdi gwida speċifika biex tassisti lill-Istati Membri[3].

8. Il-Kunsill appella lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea biex iħeġġu u jrawmu ġestjoni responsabbli fil-ktajjen tal-provvista globali, inkluż permezz tar-responsabbiltà soċjali korporattiva, id-diliġenza dovuta fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, il-promozzjoni ta' xogħol deċenti u l-protezzjoni soċjali u tax-xogħol[4].

9. Il-Kummissjoni adottat il-Patt Ekoloġiku Ewropew[5], filwaqt li enfasizzat li - bħala l-akbar suq uniku fid-dinja - l-UE tista' tistabbilixxi standards li japplikaw fil-ktajjen tal-valur globali kollha.

10. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ħadu l-impenn li jimplimentaw il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-istandards tax-xogħol kontra l-impatti negattivi kkawżati min-negozji, biex fost l-oħrajn jiżguraw li dawk li jintlaqtu mill-attivitajiet tan-negozju jkollhom aċċess għal rimedju effettiv.

---

Organisation for Economic Co-operation and Development: OECD Guidelines for Multinational Enterprises (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi: Linji gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali); edizzjoni tal-2011.

3 Il-Kunsill tal-Ewropa: Human rights and business (Id-drittijiet tal-bniedem u n-negozju) - Rakkomandazzjoni CM/Rec (2016) 3 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri (2016).

4 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Futur tax-Xogħol: l-Unjoni Ewropea tippromwovi d-Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO, 2019, 13436/19, para 19.

5 Kummissjoni Ewropea; Il-Komunikazzjoni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"; COM(2019) 640 final, p.22.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI

11. Il-pandemija tal-COVID-19 aggravat is-sitwazzjoni diġà prekarja ta' partijiet mill-forza tax-xogħol fil-livelli kollha tal-ktajjen tal-provvista globali. B'mod partikolari huma milquta n-nisa, it-tfal u l-ħaddiema migranti u qed jesperjenzaw abbużi sproporzjonati tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol relatati man-negozju[6].

12. It-tnaqqis qawwi kontinwu fis-sigħat tax-xogħol u telf sostanzjali fid-dħul mix-xogħol globalment minħabba l-pandemija tal-COVID-19 ifissru li madwar 1.6 biljun ħaddiem fl-ekonomija informali biss - jiġifieri kważi nofs il-forza tax-xogħol globali - jinsabu f'periklu immedjat li jitilfu l-għajxien tagħhom[7].

13. Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat reċessjoni dinjija li hija ferm agħar mill-kriżi ekonomika u finanzjarja bejn l-2007 u l-2009. L-intrapriżi fl-Ewropa u madwar id-dinja kollha għandhom sfidi kbar quddiemhom biex jegħlbu din is-sitwazzjoni ekonomika straordinarja. Il-pandemija wriet li, sabiex jimmaniġġaw il-kriżijiet b'mod effettiv u flessibbli, il-kumpaniji jaqbel li jkollhom stampa ġenerali tal-ktajjen tal-valur tagħhom, ikunu jafu l-fornituri tagħhom u jikkooperaw magħhom.

14. Is-sħubija soċjali taqdi rwol ewlieni biex tindirizza u ttaffi l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 u tista' tkun effettiva biss jekk il-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv ikunu protetti.

15. Fl-aħħar żewġ deċennji kien hemm xi titjib fil-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal, għalkemm l-aħħar stimi juru tnaqqis sinifikanti fir-ritmu tal-progress[8]. Jekk it-tnaqqis globali tat-tħaddim tat-tfal ikompli b'dan il-pass kajman, ser ikunu meħtieġa kważi 40 snin oħra biex jiġi eliminat it-tħaddim tat-tfal, minflok ħames snin kif previst mill-mira 8.7 tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 8.

---

6 In-Nazzjonijiet Uniti: Responsabbiltà Kondiviża, Solidarjetà Globali: Responding to the socio-economic impacts of COVID-19 (Responsabbiltà Kondiviża, Solidarjetà Globali: Rispons għall-impatti soċjoekonomiċi tal-COVID-19); 2020; COVID-19 u Tħaddim tat-Tfal: A time of crisis, a time to act (Il-COVID-19 u t-Tħaddim tat-Tfal: Żmien ta' kriżi, żmien biex naġixxu), Pubblikazzjoni konġunta UNICEF/ILO, Ġunju 2020.

7 Monitoraġġ tal-ILO: COVID-19 and the world of work (Il-COVID-19 u d-dinja tax-xogħol), 29 ta' April 2020.

8 Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, Global Estimates of Child Labour, Results and Trends, 2012-2016 (Stimi Globali tat-Tħaddim tat-Tfal, Riżultati u Xejriet, 2012-2016), Settembru 2017.

16. Il-ktajjen tal-provvista globali jaqdu rwol ewlieni fl-attivitajiet ekonomiċi madwar id-dinja u fil-kummerċ globali. Mijiet ta' miljuni ta' ħaddiema huma impjegati fin-networks tal-ktajjen tal-provvista ta' intrapriżi multinazzjonali. Dawn in-networks jammontaw għal 80 fil-mija tal-kummerċ globali[9]. Dawn għandhom jiġu ġestiti b'mod sostenibbli biex isarrfu f'xogħol deċenti għal kulħadd, inkluż pagi ġusti li jipprovdu għal standard ta' għajxien deċenti.

17. Il-ġestjoni u l-produzzjoni sostenibbli kif ukoll is-sħubija soċjali joffru vantaġġ kompetittiv. Bl-applikazzjoni ta' approċċ koerenti, l-Unjoni Ewropea tista' tibni fuq dan il-vantaġġ u - bħala l-akbar suq uniku fid-dinja - tieħu rwol internazzjonali ewlieni fit-trawwim tar-responsabbiltà tan-negozji għall-azzjonijiet u l-ommissjonijiet tagħhom.

18. Id-diliġenza dovuta korporattiva, b'mod partikolari d-diliġenza dovuta b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, hija kruċjali għall-ġestjoni responsabbli tal-ktajjen tal-provvista f'konformità mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali.

19. Ħmistax-il Stat Membru adottaw il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem wara sejħa mill-Kummissjoni fl-2011[10]. Dawn il-pjanijiet ivarjaw ħafna fl-approċċi u l-impenji ta' implimentazzjoni. Xi pajjiżi implimentaw jew qed jippjanaw li jimplimentaw leġiżlazzjoni obbligatorja dwar id-diliġenza dovuta.

20. Analiżi mill-Kummissjoni Ewropea tindika li huma biss minoranza ta' negozji fl-Unjoni Ewropea li attwalment iwettqu diliġenza dovuta komprensiva, li tqis id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol kollha kif ukoll l-impatti ambjentali u tkopri l-katina tal-valur kollha[11]. Dan jista' joħloq riskji serji kemm għad-detenturi tad-drittijiet kif ukoll għan-negozji.

---

9 UNCTAD, World Investment Report (Rapport dwar l-Investiment Dinji), 2013.

10 Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni "Strateġija rinnovata tal-UE 2011-14 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva", COM(2011)681 final.

11 Il-Kummissjoni Ewropea (2020): Study on due diligence requirements through the supply chain (Studju dwar ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta fil-katina kollha tal-provvista).

21. Miżuri u inizjattivi volontarji ta' negozji, trade unions, organizzazzjonijiet tan-negozju u partijiet ikkonċernati oħra, bħal djalogi settorjali u pjattaformi jew inizjattivi settorjali jew tematiċi b'diversi partijiet ikkonċernati kif ukoll is-sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi, jaqdu rwol importanti, iżda waħedhom x'aktarx mhumiex ser ibiddlu b'mod sinifikanti l-mod kif in-negozji jimmaniġġaw l-impatti soċjali, ambjentali u ta' governanza tagħhom u jipprovdu rimedju effettiv għal dawk affettwati[12].

22. In-negozji Ewropej, b'mod partikolari dawk b'attivitajiet transsettorjali, huma kkonfrontati b'rekwiżiti ta' sostenibbiltà u diliġenza dovuta differenti tal-UE u leġiżlazzjoni nazzjonali eteroġenja. Għalhekk, il-ħtieġa għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bl-istess standards għal kulħadd, inkluż għall-kompetituri minn pajjiżi terzi, fis-Suq Uniku Ewropew hija dejjem aktar rikonoxxuta minn għadd dejjem jikber ta' negozji Ewropej li jagħrfu l-valur tar-regoli ta' diliġenza dovuta b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem obbligatorji fl-UE kollha[13].

**23.** Għall-għaqda tal-pożizzjoni influwenti mal-għarfien espert huwa essenzjali li jkun hemm fehim komuni tar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta fis-setturi, id-daqs**ijiet** tan-negozji u l-pajjiżi kollha, f'konformità mal-Prinċipji Gwida tan-NU u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA LI

24. Il-ksur tad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, il-kondizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, b'mod partikolari sigurtà u saħħa insuffiċjenti fuq il-post tax-xogħol, in-nuqqas ta' pagi ġusti, il-ħinijiet tax-xogħol irregolari jew eċċessivi, id-diskriminazzjoni, kif ukoll il-vjolenza sessista u l-fastidju li jaffettwaw lin-nisa u l-bniet b'mod sproporzjonat**,** inkluż fil-katini tal-provvista u tal-valur, għandhom jiġu indirizzati permezz ta' approċċ globali.

---

12 Il-Kummissjoni Ewropea (2020): Study on directors' duties and sustainable corporate governance (Studju dwar id-dmirijiet tad-diretturi u l-governanza korporattiva sostenibbli). Il-Kummissjoni Ewropea (2020): Study on due diligence requirements through the supply chain (Studju dwar ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta fil-katina kollha tal-provvista).

13 Il-Kummissjoni Ewropea (2020): Study on due diligence requirements through the supply chain (Studju dwar ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta fil-katina kollha tal-provvista).

25. L-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli teħtieġ aġenda dwar ix-xogħol deċenti b'saħħitha kif issottolinjat fl-SDG 8. Il-promozzjoni tax-xogħol deċenti hija wkoll element essenzjali għall-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, il-ġlieda kontra l-faqar u l-ġuħ, it-tisħiħ tal-protezzjoni soċjali, l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi.

26. L-ewwel u qabel kollox hija r-responsabbiltà ta' kull stat li jirrispetta, jipproteġi u jissodisfa d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi fit-territorju u/jew fil-ġuriżdizzjoni tiegħu. Ir-responsabbiltà korporattiva li jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem hija indipendenti mill-kapaċità jew ir-rieda tal-Istati li jwettqu d-dmir tagħhom li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem.

27. Il-kisba tal-għanijiet stabbiliti mill-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tirrikjedi sforzi msaħħa u miżuri konkreti għall-promozzjoni tax-xogħol deċenti, inkluż fil-ktajjen tal-provvista globali.

28. L-istabbiliment ta' ambjent li jippermetti l-ġestjoni responsabbli tal-katina tal-provvista u jmexxiha 'l quddiem huwa parti importanti mill-azzjoni tal-UE għall-promozzjoni ta' xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista globali.

29. Biex jingħalqu d-distakki fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tul il-ktajjen tal-provvista globali kollha**,** ser ikunu meħtieġa sforzi simultanji permezz tal-kanali ta' politika kollha eżistenti. Jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, is-Sħab Soċjali kif ukoll il-Partijiet Ikkonċernati rilevanti, inkluż is-soċjetà ċivili, jaħdmu flimkien biex jgħaqqdu l-isforzi tagħhom għal qafas ta' politika u strateġija robusti li jsawru kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni internazzjonali.

30. Kwalunkwe obbligu possibbli impost fuq l-intrapriżi għandu jkun konformi mal-impenji internazzjonali, ikun proporzjonat, joħloq ċertezza legali, iqis is-sitwazzjoni speċifika u l-ħtiġijiet tal-SMEs u jkollu l-għan li jsaħħaħ ix-xogħol deċenti**,** inkluż it-trawwim ta' relazzjonijiet responsabbli bejn l-intrapriżi tal-UE u s-sħab tagħhom fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

31. Ħadet l-impenn li trawwem l-ekwità soċjali fil-bqija tad-dinja biex tiżgura tranżizzjoni ġusta tal-ekonomija globali[14].

32. Ħabbret l-intenzjoni tagħha li tressaq inizjattiva ġdida fl-2021 dwar governanza korporattiva sostenibbli, li tindirizza, fost kwistjonijiet oħra, id-drittijiet tal-bniedem, id-dmir ta' diliġenza fil-qasam ambjentali u d-diliġenza dovuta fil-ktajjen ekonomiċi, tal-provvista u tal-valur[15].

33. Qed tieħu azzjoni f'oqsma ta' politika differenti biex tippromwovi x-xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista u tal-valur globali u ħabbret aktar miżuri. Dawn il-politiki jinkludu l-kummerċ, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, id-djalogi u l-politiki dwar ix-xogħol u d-drittijiet tal-bniedem, il-politiki settorjali, il-politiki tal-viċinat u l-miżuri relatati mar-responsabbiltà korporattiva, l-akkwist pubbliku, ir-rappurtar korporattiv, il-finanzi sostenibbli, id-diliġenza dovuta fil-ktajjen tal-provvista tal-minerali ta' kunflitt, l-ambjent u l-politiki tal-konsumatur.

34. Qed issaħħaħ l-involviment tagħha ma' pajjiżi sħab u f'fora internazzjonali biex tippromwovi u tappoġġa b'mod attiv l-isforzi nazzjonali u globali għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali.

---

14 Kummissjoni Ewropea: Komunikazzjoni "Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti"; COM(2020) 14 final.

15 Kummissjoni Ewropea: Komunikazzjoni "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030"; COM(2020) 380 final.

35. Stiednet lill-Istati Membri jadottaw Pjanijiet ta’ Azzjoni Nazzjonali[16] u qed tirrifletti fuq forom differenti ta’ inċentivi addizzjonali għan-negozji biex jintegraw l-SDGs fl-operazzjonijiet tagħhom kif stabbilit fid-Dokument ta’ Riflessjoni tagħha Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030[17], f’konformità mar-rieda ddikjarata tal-UE li teżamina għażliet biex tiżdied l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU, inkluż pjan ta’ azzjoni relatat possibbli tal-UE[18].

36. Ħadet impenn qawwi li toħloq kultura ta’ governanza korporattiva sostenibbli u li tikseb ekonomija inklużiva bi prestazzjoni tajba li taħdem għan-nies u li tikseb riżultati konkreti f'dak li jikkonċerna l-miri ambjentali u soċjali[19].

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, SKONT IL-KOMPETENZI TAGĦHOM U B'KONT MEĦUD TAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI U B'RISPETT GĦAR-RWOL U L-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI, BIEX

37. IŻIDU l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw b’mod effettiv il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż permezz ta’ Pjanijiet ta’ Azzjoni Nazzjonali ġodda jew aġġornati li fihom taħlita intelliġenti ta’ miżuri volontarji u obbligatorji, fejn xieraq. Jeħtieġ li l-proċessi tal-Pjan ta’ Azzjoni Nazzjonali jiffokaw fuq l-għeluq tad-distakki fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u dawn għandhom jinvolvu kontinwament lill-ħaddiema u lil detenturi oħra tad-drittijiet minn gruppi u komunitajiet affettwati kif ukoll lis-sħab soċjali.

38. JIKKUNSIDRAW li jingħaqdu mal-Alleanza 8.7. biex isservi ta' katalist għall-azzjoni favur il-mira 8.7. tal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli għall-2030 biex jingħelbu t-tħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat u t-traffikar tal-bnedmin fil-ktajjen tal-provvista globali.

---

[16] Kummissjoni Ewropea: Komunikazzjoni **“**Strateġija rinnovata tal-UE 2011-14 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva**”**; COM(2011) 681 final.

[17] Kummissjoni Ewropea (2019), Dokument ta' Riflessjoni Lejn Ewropa sostenibbli sal-2030; COM(2019) 22.

[18] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2019 adottati mill-Kunsill fit-3673 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Frar 2019; Dokument ST 6339/19.

[19] Komunikazzjoni tal-2019 tal-Kummissjoni dwar Il-Patt Ekoloġiku Ewropew'; Pjan ta’ azzjoni tal-2018 tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament tat-tkabbir sostenibbli; inizjattiva dwar il-governanza korporattiva sostenibbli mmexxija mid-DĠ ĠUSTIZZJA.

39. JIKKUNSIDRAW li jappoġġaw il-"Vision Zero Fund" (Fond Viżjoni Żero) amministrat mill-ILO u proġetti simili ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali oħra li jikkontribwixxu għall-viżjoni li jitnaqqas għal żero l-għadd ta' aċċidenti, korrimenti u mard gravi u fatali relatati max-xogħol fil-ktajjen tal-provvista globali. U JAPPOĠĠAW l-isforzi biex jiġi integrat id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa fil-qafas tal-ILO dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol[20].

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, SKONT IL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM U B'KONT MEĦUD TAĊ-ĊIRKUSTANZI NAZZJONALI U WAQT LI JKUNU RISPETTATI R-RWOL U L-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI, BIEX

40. JIPPROMWOVU d-drittijiet tal-bniedem fil-ktajjen tal-provvista globali u x-xogħol deċenti madwar id-dinja, inkluż politika ta’ tolleranza żero rigward it-tħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat, it-traffikar tal-bnedmin, u ksur u abbużi oħra tad-drittijiet tal-bniedem, permezz tal-politiki interni u esterni differenti tagħhom, f’fora multilaterali u flimkien mas-sħab globali.

41. JIKKUNSIDRAW l-istabbiliment jew it-tisħiħ ta’ inizjattivi, b’mod partikolari programmi ta’ sħubija, biex isaħħu s-sistemi ta’ spezzjoni tax-xogħol f’pajjiżi terzi.

42. JIKKONTRIBWIXXU għal irkupru globali sostenibbli u reżiljenti mill-kriżi tal-COVID-19 billi jieħdu azzjoni biex jindirizzaw l-implikazzjonijiet globali tagħha għall-ħaddiema u detenturi tad-drittijiet oħra tul il-ktajjen kollha tal-provvista globali u jistabbilixxu politiki ta’ tranżizzjoni ġusta.

43. JAĦDMU FLIMKIEN biex irawmu l-koerenza bejn il-miżuri nazzjonali u dawk Ewropej fir-rigward tal-governanza korporattiva sostenibbli, inkluż dwar ir-rekwiżiti tal-ktajjen tal-provvista, u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom meta titqies is-sitwazzjoni ekonomika diffiċli tan-negozji Ewropej minħabba l-kriżi tal-COVID-19.

[20] Kunsill tal-Unjoni Ewropea: Il-Futur tax-Xogħol: l-Unjoni Ewropea tippromwovi d-Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO; 24 ta' Ottubru 2019; Dokument ST 13436/19

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX

44. TAĠĠORNA l-Komunikazzjoni tagħha tal-2006 dwar "Promozzjoni ta' xogħol deċenti għal kulħadd - il-kontribuzzjoni tal-UE għall-implimentazzjoni tal-aġenda tax-xogħol deċenti għal kulħadd".

45. TNIEDI Pjan ta' Azzjoni tal-UE sal-2021 li jiffoka fuq it-tiswir ta' ktajjen tal-provvista globali b'mod sostenibbli, fuq il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-istandards ta' diliġenza dovuta soċjali u ambjentali u t-trasparenza u li jqis l-esperjenzi u t-tagħlim meħud mill-pandemija tal-COVID-19. Dan jappoġġa l-implimentazzjoni koerenti tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jindirizza l-ħtiġijiet ta' dawk fil-bidu tal-ktajjen tal-provvista globali, spiss f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'hekk jikkomplementa aġenda aġġornata għal xogħol deċenti.

46. TRESSAQ proposta għal qafas legali tal-UE dwar il-governanza korporattiva sostenibbli, inkluż obbligi transsettorjali ta' diliġenza dovuta korporattiva tul il-ktajjen kollha tal-provvista globali. Dan jista' jinkludi definizzjoni ta' x'tip ta' proċess ta' ġestjoni tar-riskji jeħtieġ li l-kumpaniji jsegwu biex jidentifikaw, jipprevjenu, itaffu u jqisu l-impatti negattivi tagħhom fuq d-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol kif ukoll dawn ambjentali.

47. TIPPREVEDI miżuri xierqa ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u ta' appoġġ għall-politika esterna li jistgħu jitwettqu mal-implimentazzjoni ta' taħlita intelliġenti ta' miżuri tul il-ktajjen kollha tal-provvista globali, inkluż il-leġiżlazzjoni tal-UE, u l-impatt possibbli tagħhom fuq il-ħolqien ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fuq livell globali u l-adozzjoni mis-sħab minn pajjiżi terzi.

48. TRAWWEM l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem fl-Istati Membri sabiex jissaħħu l-koordinazzjoni u l-koerenza.

49. TIKKUNSIDRA li tippreżenta gwida indikattiva fil-forma ta' kriterji u standards ta' kwalità għall-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u tibni strutturi għat-tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri fir-rigward tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem.

50. TIKKUNSIDRA li tniedi djalogi settorjali fl-UE kollha u tintensifika l-approċċi settorjali nazzjonali fuq bażi multipartitika biex jiġu indirizzati kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol fil-ktajjen tal-provvista u tal-valur globali**.**

51. TAPPOĠĠA u TUŻA b'mod attiv il-ħidma tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali[21] u r-rwol konsultattiv tagħha dwar l-aċċess għal rimedju għal impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem tul il-ktajjen kollha tal-provvista globali.

52. TISTINKA għal kapitoli ambizzjużi dwar is-sostenibbiltà bi drittijiet soċjali u tax-xogħol b'saħħithom u dispożizzjonijiet responsabbli dwar il-ġestjoni tal-katina tal-provvista fil-ftehimiet kummerċjali u għal klawżoli b'saħħithom dwar l-elementi essenzjali f'dak li jikkonċerna d-drittijiet tal-bniedem. Tkompli l-ħidma fuq mekkaniżmi ta' monitoraġġ u infurzar aktar b'saħħithom u fuq l-għan li tiġi żgurata l-aderenza mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol minn pajjiżi li jibbenefikaw minn preferenzi tariffarji unilaterali.

---

[21] Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (2020), Report on Business and Human Rights - Access to Remedy (Rapport dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem - Aċċess għal Rimedju).